**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Mejju, 2016

Rikors Guramentat Nru : 344/08 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

**A. Dikjarazzjoni tal-Fatti**

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom nhar il-25 ta' Gunju 2005 skont kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom, illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebiti u mmarkata bhala Dok VB1, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

2. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, ossia ingurji, minacci, eccessi, sevizzi u adulterju kommessi mill-konvenut, kif ukoll minhabba inkompatibilita' serja ta' karattri;
3. Illi matul il-hajja mizzewga, il-konvenut dejjem kien indifferenti fil-konfront ta' l-attrici, u jagixxi b'xehha u egoizmu eccessivi, b'dan illi l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli;
4. Illi l-attrici kienet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet ta' dina l-Qorti datat 1 ta' Lulju 2008, illi kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok VB 2, u dan wara illi l-Medjazzjoni bejn il-kontendenti kellha tigi maghluqa peress illi l-konvenut irrifjuta illi jattendi ghas-seduti relattivi;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attrici;

**B. RAGUNIJIET GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI**

6. Il-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq permessi u rikonoxxuti fil-Ligi, u wkoll sabiex jigu kkomminati fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**Artikoli 48** et seq u l-**Artikolu 55A** tal-**Kodici Civili;**

**C. TALBIET ATTRICI**

Talbet in vista ta' dak kollu fuq premess li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi u imputabbli lill-konvenut;
2. Tillikwida u xxolji l-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut iddekada minn sehmu fil-Komunjoni ta' l-Akkwisti, u konsegwentement tapplika l-effetti ta' l-**Artikolu 48** et seq. tal-**Kodici Civili** kontra l-istess

konvenut u favur l-attrici, u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenut tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-**Artikoli 631** u **633** tal-**Kodici Civili**, kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni, bi hsieb taz-zwieg, jew wara z-zwieg, jew b'titolu iehor gratuwitu, minghand l-attrici, illi ghalhekk ghandu jigi ritornat lilha, u tiddikjara inoltre illi l-konvenut tilef ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici wara d-data stabbilita minn dina il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut irrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attrici, u ghal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-**Artikolu 3** tal-**Kodici Civili.** Inoltre, dina il-Qorti hija mitluba illi tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-attrici;

4. Prevja kull dikajarazzjoni rikjesta skont il-Ligi, tassenja d-dar matrimonjali tal-kontendenti illi tinsab 25, Triq Ferris, Rabat, Malta, lill-attrici, u tawtorizzaha illi tghix fl-istess ad eskluzjoni tal-konvenut, bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 55A** tal-**Kodici Civili;**
5. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-Komunjoni ta' l-Akkwisti f'zewg ishma illi ma jkunux ugwali in segwitu ghat-talbiet precedenti, u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini ta' l-istess;
6. Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u / jew il-valur ta' l-istess u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha, jew il-valur relattiv ta' l-istess jekk ikun il-kaz;
7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;
8. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha ossia Vella;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenut illi jibqa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

(1) Illi huwa jaqbel illi ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' mhux ghar-ragunijiet moghitja mir-rikorrenti attrici fir-rikors guramentat taghha izda minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess rikorrenti;
(2) Illi huwa jaqbel mat-tieni talba tar-rikorrenti attrici, u cioe' li tigi likwidata u xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-parijiet occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, liema periti ghandhom ikunu a spejjez tar-rikorenti stante illi hija ir-rikorrenti illi tahti ghall-firda, u purche' illi huwa jinghata sehemu mill-istess, u krediti ohra dovuti lilu kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
(3) Illi huwa jopponi ghat-tielet talba stante illi l-artikoli citati ghandhom jigu applikati kontra l-attrici rikorrenti u mhux favuriha in kwantu hija tahti interament ghall-firda fiz-zwieg;
(4) Illi huwa jopponi ghar-raba' talba stante illi kienet ir-rikorrenti attrici illi tahti ghall-firda;
(5) Illi huwa jaqbel illi l-beni kollha appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jigu maqsumin u divizi f'zewg oqsma, liema oqsma m'ghandhomx ikunu ugwali in segwitu ghall-eccezzjonijiet precedenti, u l-ikbar sehem ghandu jigi assenjat lill-eponent;
(6) Illi huwa ma jopponix ghas-sitt talba;
(7) Illi huwa ma jopponix ghas-seba' talba;
(8) Illi huwa ma jopponix ghat-tmien talba;
(9) Illi r-rikorrenti attrici hija responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti u ghandhom jigu applikati l-effetti tal-artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili kontra l-istess rikorrenti attrici, ghal-liema raguni l-esponenti qieghed jaghmel it-talbiet rikonvenzjonali tieghu;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti attrici;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, li in forza taghha ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-25 ta' Gunju 2005, skont kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;
2. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet imputabbli unikament lil A B;
3. Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment;

Talab li l-attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-ligi u imputabbli unikament lil A B;
2. Tillikwida u xxolji l-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet occorrento bl-opera ta' periti nominandi;
3. Tiddikjara u tiddeciedi illi A B iddekadiet minn sehma fil-komunjoni tal-akkwisti, u konsegwentement tapplika l-effetti tal-artikolu 48 et seq tal-Kap 16 kontra l-istess A B u favur l-esponent rikonvenzjonant, konsegwentement tiddikjara illi A B tilfet il-jeddijiet imsemmija fl-Artikolu 631 u 633 tal-Kap. 16, kif ukoll dak kollu illi kienet kisbet b'donazzjoni, bi hsieb taz-zwieg, jew wara z-zwieg, jew b'titolu iehor gratuitu, minghand l-esponent rikonvenzjonant, illi ghalhekk ghandhom jigu ritornati lilu u tiddikjara in oltre illi l-attrici rikonvenzjonata tilfet ukoll kull jedd ghan-nofs tal-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma tal-esponent rikonvenzjonant wara d-data stabbilita minn dina l-Qorti bhala d-data meta l-attrici rikonvenzjonata irrendiet ruhha hatja tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha tal-esponent rikonvenzjonant, u ghal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili;
4. Tiddikjara illi l-attrici rikonvenzjonata ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment mill-esponent rikonvenzjonant;
5. Tapplika l-artikolu 55 A tal-Kap 16 kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata, u cioe' tawtorizza lill-esponent rikonvenzjonant jghix ad eskluzzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonata fil-fond 25, Triq Ferris, Rabat;

6. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, f'zewg ishma illi ma jkunux ugwali in segwitu ghat-talbiet precedenti u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini tal-istess;
7. Tassenja lill-esponent rikonvenzjonant l-beni parafernali tieghu u/jew il-valur tal-istess u tordna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex tirritorna lill-esponent rikonvenzjonant l-beni kollha parafernali tieghu, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz;
8. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez, kontra l-attrici rikonvenzjonata li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici rikonvenuta; li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-konsulent legali ta' l-esponenti giet notifikata bir-risposta guramentata u l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenjent nhar il-5 ta' Jannar 2009, u l-esponenti qeghda tipprezenta r-risposta guramentata taghha riferibbilment ghall-istess Kontro-Talba skont il-Ligi;
2. Illi l-esponenti taqbel ma' l-ewwel talba rikonvenjenti limitatament ghad-dikjarazzjoni u pronunzja ta' separazzjoni personali bejn l-kontendenti u dan minhabba inkompatibilita serja ta' karattri u ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut rikonvenjenti, illi rrenda ruhu hati versu l-esponenti ta' ingurji, minacci, eccessi, sevizzi u adulterju illi wasslu ghat-tifrik irrevokabbli taz-zwieg tal-kontendenti u rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli. Sahansitra fil-mori ta' dawn il-proceduri u senjatament nhar is-17 ta' Dicembru 2008, l-esponenti kienet kostretta illi minhabba l-agir abbuziv, illegali, aggressiv u vjolenti ta' zewgha, titlaq mid-dar matrimonjali;
3. Illi t-tieni talba rikonvenjenti m'hix opposta, izda dina il-Qorti ghandha tikkommina fil-konfront tal-konvenut rikonvenjenti s-

sanzjonijiet ta' l-**Artikoli 48** et seq. tal-**Kodici Civili** u ghandha ghalhekk tiddikjara illi l-konvenut rikonvenjenti tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-**Artikoli 631** u **633** tal-**Kodici Civili**, kif ukoll dak kollu illi huwa kien kiseb b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew wara z-zwieg, jew b'titolu iehor gratuwitu, minghand l-esponenti, liema oggetti ghandhom ghalhekk jigu rritornati lilha, u tiddikjara inoltre illi l-istess konvenut rikonvenjenti tilef ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-esponenti wara d-data stabbilita minn dina il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut rikonvenjenti rrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-esponenti, u ghal dan l-iskop ghadhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-**Artikolu 3** tal-**Kodici Civili**, u fl-ahhar nett il-konvenut rikonvenjenti ghandu jiddekadi mid-dritt illi jitlob manteniment mill-esponenti, liema talba tinsab inkluza wkoll fir-Rikors Guramentat;

4. Illi t-tielet talba rikonvenjenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenjenti, stante illi l-estremi tar-rekwiziti legali ghall-kommina tal-provvedimenti msemmija, ma jirrikorrux fil-konfront ta' l-esponenti, izda biss da parti tal-konvenut rikonvenjenti, u kwindi l-istess provvedimenti ghandhom jigu kkomminati interament kontra l-konvenut rikonvenjenti, kif gja mitlub fir-Rikors Guramentat;
5. Illi filwaqt illi tirrileva illi hija qatt ma talbet manteniment minghand zewgha, l-esponenti teccepixxi illi r-raba' talba rikonvenjenti ghandha tigi respinta stante illi ma jirrikorrux ir-rekwiziti rikjesti mil-ligi ghad-dekadenza tad-dritt ta' l-istess esponenti illi titlob manteniment minghand il-konvenut rikonvenjenti. Kif diga' rilevat, iz-zwieg bejn il-kontendenti sfaxxa unikament bi htija tal-konvenut rikonvenjenti u ghalhekk kull dikjarazzjoni ta' dekadenza f'dan ir-rigward ghandha tigi diretta unikament fil-konfront ta' l-istess konvenut rikonvenjenti;
6. Illi l-hames talba rikonvenjenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenjenti, stante illi l-estremi tar-rekwiziti legali ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 55A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrikorrux da parti ta' l-esponenti, izda biss da parti tal-konvenut rikonvenjenti u kwindi l-istess provvediment ghandhom jigu applikati

interament kontra l-konvenut rikonvenjenti, kif gja mitlub fir-Rikors Guramentat;

7. Illi s-sitt talba rikonvenjenti mhix opposta, b'dan illi l-esponenti tirrileva illi fil-konsiderazzjonijiet taghha dina l-Qorti ghandha tikkonsidra r-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-kontendenti kif dettaljatament dikjarati fir-Rikors Guramentat u l-Affidavit hemm anness, kif ukoll fin-Nota Guramentata pprezentata mill-esponenti nhar is-17 ta' Settembru 2008, u l-Affidavits annessi flimkien ma l-istess Nota, kif ukoll kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
8. Illi s-seba' talba rikonvenjenti ma tistax tintlaqa' in kwantu m'hemm l-ebda beni parafernali tal-konvenut rikonvenjenti illi jinsabu fil-pussess u / jew fl-amministrazzjoni ta' l-esponenti;
9. Illi t-tmien talba rikonvenjenti mhix opposta;
10. Illi dak illi jirrigwarda l-ispejjez, galadarba l-esponenti ma tahtix ghall-firda bejn il-kontendenti, liema firda giet ikkagunata unikament bi htijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-istess konvenut rikonvenjenti diga nghad, l-ispejjez kollha ta' dina l-istanza, kemm tat-Talba u kif ukoll tal-Kontro-Talba, ghandhom jigu sopportati unikament u interament mill-istess konvenut rikonvenjenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenuta;

Il-Qorti rat in-nota tal-partijiet tas-27 ta' April, 2016 li tinsab a fol. 368 tal-process li permezz taghha il-partijiet cedew it-talbiet kollha kemm tar-rikors guramentat, kif ukoll tal-kontro-talba, salv ghall-ewwel talba tar-rikors guramentat u tal-kontro-talba;

Il-Qorti rat illi l-ewwel talba tar-rikors guramentat u tal-kontro-talba giet konvertita ghal talba ta' divorzju u dana permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 18 ta' Lulju, 2014 li permezz tieghu il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti A B sabiex tordna li din il-kawza ta' separazzjoni personali tigi konvertita f'kawza ta' divorzju;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal madwar tmien snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat ukoll in-nota tal-attrici A B li permezz taghha talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Vella u il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba u tordna notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-azzjoni mehtiega;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba ghall-hall taz-zwieg, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Fl-istess waqt il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha l-ohrajn kontenuti kemm fir-rikors guramentat, kif ukoll fil-kontro-talba;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.